

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 132/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/821/UE tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Kap Verde skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/822/UE tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Bangladexx skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/75/UE tad-9 ta' Frar 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-Gana skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/76/UE tad-9 ta' Frar 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-Urugwaj skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara ⁽⁵⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 56jk (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/520/UE) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

"56jl. **32011 D 0821:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/821/UE tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Kap Verde skont

id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 327, 9.12.2011, p. 67).

56jm. **32011 D 0822:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/822/UE tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Bangladexx skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 327, 9.12.2011, p. 68).

56jn. **32012 D 0075:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/75/UE tad-9 ta' Frar 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-Gana skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 38, 11.2.2012, p. 45).

56jo. **32012 D 0076:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/76/UE tad-9 ta' Frar 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-Urugwaj skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 38, 11.2.2012, p. 46)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/821/UE, 2011/822/UE, 2012/75/UE u 2012/76/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

⁽¹⁾ ĠU L 270, 4.10.2012, p. 37.

⁽²⁾ ĠU L 327, 9.12.2011, p. 67.

⁽³⁾ ĠU L 327, 9.12.2011, p. 68.

⁽⁴⁾ ĠU L 38, 11.2.2012, p. 45.

⁽⁵⁾ ĠU L 38, 11.2.2012, p. 46.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.